

REGOLAMENT (UE) Nru 1384/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Diċembru 2013

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 ⁽²⁾ jistabbilixxi skema speċifika ta' preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem "il-Moldova"). Dik l-iskema tipprovdi aċċess liberu għas-swieq tal-Unjoni lil kull prodott li joriġina mill-Moldova, ħlief lil ċerti prodotti agrikoli mniżżla fl-Anness I ta' dak ir-Regolament li għalihom ingħataw konċessjonijiet limitati f'forma ta' eżenzjoni mid-dazji doganali fil-limitu tal-kwoti tariffarji jew f'forma ta' tnaqqis fid-dazji doganali.
- (2) Fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV bejn l-UE u l-Moldova, u s-Sħubija tal-Lvant, il-Moldova adottat aġenda ambizzjuża għal assoċjazzjoni politika u aktar integrazzjoni ekonomika mal-Unjoni. Il-Moldova għamlet ukoll progress qawwi fl-approssimazzjoni regolatorja li twassal għal konverġenza mal-liġijiet u l-istandards tal-Unjoni.
- (3) In-negozjati għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġdid, inkluż it-twaqqif ta' żona ta' kummerċ ħieles profonda u komprensiva bejn l-Unjoni u l-Moldova bdew f'Janar

tal-2010 u ntemmu f'Lulju tal-2013. Dak il-Ftehim jipprevedi l-liberalizzazzjoni sħiħa tal-kummerċ bilaterali tal-inbid.

- (4) Sabiex jitwieżnu l-isforzi tal-Moldova skont il-PEV u s-Sħubija tal-Lvant, u sabiex ikun provdut suq attraenti u affidabbli għall-esportazzjonijiet tal-inbid tagħha, l-importazzjoni tal-inbid mill-Moldova lejn l-Unjoni għandu jiġi liberalizzat mingħajr dewmien.
- (5) Bil-għan li jiġu garantiti l-kontinwità tal-flussi kummerċjali mill-Moldova u ċ-ċertezza tad-dritt għall-operaturi ekonomiċi, jeħtieġ li jiġi stabbilit li l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ japplikaw mingħajr interruzzjoni sad-data ta' skadenza fissata fir-Regolament (KE) Nru 55/2008.
- (6) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 16 jitħassru t-tielet, ir-raba' u l-ħames paragrafi;
- (2) fit-tabella fil-punt 1 tal-Anness I, titħassar l-aħħar ringiela dwar l-ordni Nru 09.0514 "Inbid ta' għeneb frisk, ħlief inbid effervexxenti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2013.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
M. SCHULZ

Għall-Kunsill
Il-President
L. LINKEVIČIUS

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Diċembru 2013 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2013.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 tal-21 ta' Jannar 2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 980/2005 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE (ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1.)